# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Erbatax (14) ta' Diċembru 2021**

**Rikors Numru 395/2021 FDP**

**Fl-atti tal-Ittra Uffiċjali Nru 1492/2021**

**Fl-ismijiet**

**Magri Godwin (K.I. 1657741M)**

**Vs**

**Xuereb Nicole (KI 383787M) fil-kariga taghha personalment u bħala Direttur tal-kumpanija Main Store Foods Limited**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors ta' Nicole Xuereb datat 27 ta' April 2021, li permezz tiegħu talbet is-segwenti:

> *Illi l-konvenuta qiegħda tiġi servuta b'ittra ġudizzjarja li ġġib in-numru ta' 1492/21 tas-16 ta' April tas-sena kurrenti u dan sabiex jiġi eżegwibbli titolu eżekuttiv dwar il-kambjali illi l-konvenuta aċċettat illi tgħaddi l-ħlasijiet illi kien hemm pendenti fuq il-kumpanija Main Store Foods Limited.*

*Illi bl-ebda disprezz jew b'xi mod mal-konvenuta naqset milli tonora l-ftehim illi hemm bejnha u r-rikorrenti.*

*Illi t-talbiet għandhom jiġu miċħuda stante illi l-azzjoni u t-talbiet tal-mittenti huma intempestivi.*

*Illi huwa minnu li l-konvenuta ffirmat diversi kambjali fejn fihom kienet obbligat ruħha illi kellha tivversa ammonti mensili dovuti lill-mittenti u dana sa' Awwissu tas-sena kurrenti.*

*Illi fil-fatt ġia saru diversi ħlasijiet skond il-ftehim tal-kambjali sa April 2021.*

*Illi fil-ftehim msemmi, nuqqas ta' ħlasijiet qatt ma kienu jikkonstitwixxu ksur materjali tal-ftehim innifsu u għalhekk mid-data tal-ewwel pagament sa llum l-ammont dovut lill-mittenti huwa ta' bilanċ ferm inqas minn dak iddikjarat.*

*Għaldaqstant il-konvenuta, għar-raġunijiet premessi u għal dawk li ser jinġiebu waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tissosspendi l-eżegwibbilita` tat-titolu eżekuttiv pretiż fl-ammont kif mitlub fl-istess ittra fuq ċitata.*

*Bl-ispejjeż inkluż dawk ta' dawn il-proċeduri.*

*Tant l-esponenti tissottometti għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.*

2. Rat illi fit-3 ta' Ġunju 2021 Godwin Magri irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

*1. Illi r-rikors ta' Nicole Xuereb huwa infondat fl-intier tiegħu, kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt, stante illi Nicole Xuereb la tallega illi l-firma fuq il-kambjali in kwistjoni mhux tagħha, u lanqas mhi tallega li jeżistu xi raġunijiet gravi u validi sabiex tissospendi l-eżekuzzjoni tal-istess ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Illi in ogni każ, mhu minnu xejn dak illi tissottometti Nicole Xuereb fir-rikors tagħha u dan għas-segwenti raġunijiet:*

*i. Illi fl-ewwel lok, il-konvenuti naqsu milli jonoraw l-obbligi tagħhom skont il-ftehim datat is-17 ta' Frar 2021 ("il-Ftehim") (kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok GM6'), għaliex waqgħu morużi fi tliet (3) pagamenti. Saħansitra, ċekk li ġie mgħoddi mid-debitriċi Nicole Xuereb lill-esponenti ġie rifjutat mill-bank relattiv u konsegwentament ġie irritornat lill-*

*esponenti kif jirriżulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala 'Dok GM7'. In vista ta' dan, l-esponenti għamel rapport fl-għassa tal-pulizija ta' Bormla (kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok GM8');*

*ii. Illi fit-tieni lok, u għall-kuntrarju ta' dak eċċepit minn Nicole Xuereb, l-azzjoni tal-esponenti mhix waħda intempestiva stante illi d-debitu kien dovut kollu fid-data tal-iskrittura u dan kif jipprovdi l-istess ftehim fi klawsola numru wieħed u tnejn (2) riprodotti hawn taħt u kif ukoll jipprovdu l-kambjali dovuti a vista u reżi eżegwibbli li ffirmat l-istess Nicole Xuereb:-*

> *"1. The Debtor declares and confirms that it is indebted towards the Creditor in the sum of forty-five thousand, one hundred, eighty-six Euro and ninety one cents (€45,186.91), which sum is certain, liquid and due…"*
>
> *"2. The Creditor, buona gratia and without prejudice to his rights at law for payment, concedes in favour of the Debtor, who acknowledges and accepts, the opportunity to repay the Debt over a period of time and by means of monthly instalments commencing on the signing of this Agreement and then on the first (1st) of every month thereafter in the sum of seven thousand Euro (€7,000) until the Debt is settled in full (hereinafter referred to as "Repayments").*

*In oltre`, Nicole Xuereb, fil-kapaċita` tagħha personali kkonfermat ukoll li hija garanti solidalment mad-debitriċi għad-dejn in kwistjoni fi klawsola numru tlieta (3) tal-Ftehim.*

*iii. Illi fir-raba' lok, għalkemm il-konvenuta Nicole Xuereb qed tikkontesta l-ammont dovut kif kontenut fl-ittra uffiċjali tal-esponenti bin-numru 1492/2021, l-istess konvenuta naqset milli tindika dak l-ammont li fil-fehma tagħha hu dovut minnha sabiex tissustanzja l-eċċezzjoni tagħha;*

*iv. Illi fil-ħames lok, il-kontendenti permezz tal-Ftehim qablu illi s-somma dovuta hija l-ammont ta' ħamsa u erbgħin elf, mija, sitta u tmenin Euro wieħed u disgħin ċenteżmu (€45,186.91). Illi wara li saru żewġ pagamenti fl-ammont ta' sebat elef Euro (€7,000) kull wieħed akkont tas-somma dovuta, is-somma preżentament dovuta, kif tindika l-ittra uffiċjali suċitata, hija fl-ammont ta' wieħed u tletin elf, mija, sitta u tmenin Euro wieħed u disgħin ċenteżmu (€31,186.91) oltre` l-imgħaxijiet bl-ogħla rata permissibli fil-liġi hekk kif provdut fil-Ftehim.*

> *3. Illi in vista ta' dak li jingħad fil-premess, jirriżulta evidenti li r-rikors odjern mhu xejn għajr tentattiv pwerili ta' Nicole Xuereb illi tkompli ċċaħħad lill-esponenti kreditur minn dak ben dovut lilu bi proċeduri frivoli u vessatorji, liema aġir għandu jiġi kkundannat u ppenalizzat bi spejjeż doppji.*
>
> *Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja dawk il-provvedimenti u dikjarazzjonijiet li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni, tiċħad it-talba tal-konvenuta Nicole Xuereb fl-intier tagħha u tikkonferma l-eżegwibbilita` tal-kambjali, bi spejjeż doppji kontra tagħha.*

## Provi

3. Rat li ġew allegati l-atti tal-Ittra Uffiċjali 1492/2021 li fiha sar ir-rikors odjern (Fol.21).

4. Rat ix-xhieda ta' **Nicole Xuereb** datata 16 ta' Novembru 2021 (Fol.30).

## Fatti tal-każ

5. Jirriżulta li ġew iffirmati kambjali, fejn Nicole Xuereb aċċettat tgħaddi ħlasijiet li kien hemm pendenti fuq il-kumpanija Main Store Foods Limited, fejn ġie maqbul li kellha tagħmel ħlasijiet mensili sa Awissu 2021. Jirriżulta li kien hemm ftehim bejn il-partijiet datat 17 ta' Frar, 2021 eżebit fl-atti bħala Dok. GM6.

6. Jirriżulta li Nicole Xuereb ġiet servuta b'Ittra Ġudizzjarja numru 1492/2021 datata 16 ta'April, 2021, eżebita fl-atti ta' dan il-każ sabiex jiġi eżegwibbli it-titolu eżekuttiv dwar il-kambjali mertu ta' dan il-każ, li l-konvenuta Xuereb aċċettat li tgħaddi l-ħlasijiet, referibbilment għall-ħlasijiet pendenti fuq il-kumpanija Main Store Foods Limited, li kienet immexxija minn żewġha preċedentement, illum defunt. Fil-fatt, hija kkonfermat fix-xhieda tagħha, li l-kariga tagħha fil-kumpanija Main Store Foods Limited bdiet f'Awissu 2019 wara l-mewt tar-raġel tagħha.

7. In segwitu għal din l-Ittra Uffiċjali, Nicole Xuereb ippreżentat ir-rikors odjern għas-sospensjoni tal-eżegwibbilta` tat-titolu eżekuttiv pretiż, stante li qed issostni li l-ammont dovut huwa ta' bilanċ ferm anqas minn dak dikjarat u indikat fl-ittra ġudizzjarja numru 1492/2021.

## Konsiderazzjonijiet fil-mertu

8. Permezz tal-każ odjern, Nicole Xuereb qed titlob is-sospensjoni tal-eżegwibbilita` tal-kambjali, rigwardanti l-aċċettazzjoni tagħha li tgħaddi ħlasijiet li kien hemm pendenti fuq il-kumpanija Main Store Foods Limited.

Ġie sottomess fil-premessi, li l-ammont dovut lil Godwin Magri huwa ferm anqas minn dak indikat. Hija pproċediet bir-rikors odjern wara li hija ġiet servuta bl-ittra ġudizzjarja numru 1492/21 datata 16 ta' April 2021 li hija annessa fl-atti.

9. Minn naħa l-oħra, Godwin Magri eċċepixxa fir-risposta li r-rikors odjern huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt peress li l-konvenuta Xuereb mhijiex tallega li l-firma fuq il-kambjali in kwistjoni mhijiex tagħha u lanqas qed tallega raġunijiet gravi għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjali.

10. Ġie eċċepit ukoll, li l-konvenuta Xuereb naqset milli tonora l-obbligi tagħha skont il-ftehim datat 17 ta' Frar 2021 (Dok GM6), id-debitu indikat fil-ftehim kien dovut kollu fid-data tal-iskrittura, konsegwentement, il-kambjali in kwistjoni dovuti iffirmati mill-istess Nicole Xuereb għandhom ikunu eżegwibbli. Inoltre`, fi klawsola 3 tal-istess ftehim, hemm indikat, li Xuereb hija garanti solidament mad-debitriċi għad-dejn in kwistjoni. Di piu`, l-ammont totali dovut skont il-ftehim huwa ta' ħamsa u erbgħin elf, mija u sitta u tmenin Ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€45,186.91), u wara li saru żewġ pagamenti ta' sebat elef Ewro (€7,000) kull wieħed l-ammont dovut kif indikat fl-ittra ġudizzjarja numru 1492/21, is-somma dovuta hija ta' wieħed u tletin elf, mija u sitta u tmenin Ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€31,186.91). F'kull każ, ġie sostnut ukoll fir-risposta għar-rikors odjern, li għalkemm Nicole Xuereb qed tikkontesta l-ammont dovut, hija naqset milli tindika l-ammont li skont hija huwa dovut.

11. Dawn il-proċeduri ġew istitwiti abbażi tal-proviso tal-**Artikolu 253(e) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta** li jipprovdi li:

> *"Il-Qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum minn notifika tal-Ittra Uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note eżegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ".*

12. Illi huwa evidenti li l-proċedura speċjali maħsuba taħt l-Artikolu 253 (e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta tirrigwarda lill-kambjala u mhux l-att ġudizzjarju li jintbagħat biex jirrendiha eżegwibbli. Madankollu, minħabba

li l-eżekuzzjoni tal-kambjala titlob il-ħruġ ta' Ittra Uffiċjali, b'xi mod dik l-eżegwibbilita' hija marbuta ma' dak l-att ġudizzjarju u s-siwi tiegħu.

13. Illi r-raġunijiet li ssemmi l-liġi biex tinżamm l-eżegwibbilita' ta' kambjala jew promissory note huma li:

    (1) Il-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma jkunux tal-persuna li tintalab tħallasha u;

    (2) Raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas tagħha.

14. Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-iskop tar-raġunijiet gravi u validi prospettati mis-sub inċiż (e) tal-Artikolu 253, ma jistax ikun iktar estensiv mill-iskop tar-raġunijiet elenkati mill-Kodiċi tal-Kummerċ li minħabba fihom kambjala tista' tinżamm milli titħallas. Kull ma trid il-liġi f'dan il-proċedura hu li l-Qorti tara jekk, *prima facie*, hemmx raġunijiet serji biżżejjed biex tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjala, u dan sabiex f'każ affermattiv, ir-rikorrent ikollu l-opportunita' jikkontesta l-kawża eventwali li, f'każ li tintlaqa' t-talba tiegħu għas-sospensjoni, tkun trid issir mill-kreditur. Billi f'kawża bħal dik, l-eċċezzjonijiet li jistgħu jiġu sollevati mill-konvenut huma tassew limitati, hija wkoll il-mansjoni tal-Qorti f'proċeduri bħal dawn, taħt l-Artikolu 253 (e) tal-Kap.12, illi tiddetermina jekk il-konvenut ikunx jista' jressaq b'suċċess dawn l-eċċezzjonijiet f'kawża eventwali."

15. Kull ma trid il-liġi f'dan il-proċedura hu li l-Qorti tara jekk hemmx raġunijiet serji biżżejjed biex tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjala jew promissory note li tkun." (Ara l-każ **Gaffarena Holdings Limited vs Seaborg Co. Limited** deċiża mil-Prim' Awla (JRM) fis-7 ta' Marzu 2008).

16. F'dan il-kuntest, issir referenza għal dak illi sostniet il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet: **Anjake Limited vs Ronald Robert Belani** deċiża fis-17 ta' Jannar 2007, fir-rigward tal-applikazzjoni tal-provvediment suċitat, senjatament:

    > *"Il-liġi ma tispeċifikax r-raġunijiet gravi u fil-fehma tal-Qorti dan ma sarx b'xi nuqqas tal-leġislatur iżda intenzjonalment għax il-leġislatur iħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti f'liema każijiet ikollha quddiemha l-Qorti għandha tilqa' t-talba jew le"*.

17. Illi dwar "ir-raġunijiet gravi u validi", il-Qrati tagħna elaboraw il-prinċipji li ġejjin:

    1. Il-liġi ma tgħidx x'inhuma tali raġunijiet gravi u validi. Il-leġislatur ħallihom għad-diskrezzjoni tal-qrati biex jaraw huma, il-każ partikolari li jitressaq quddiemhom, x'tista' tkun ir-raġuni tajba u gravi li twassalhom jordnaw it-twaqqif tal-eżekuzzjoni ta' kambjala jew

promissory note. "*Ċertament li r-raġuni valida m'għandhiex tkun waħda frivola għax kif tgħid l-istess liġi, ħlief il-każ tal-firma r-raġuni trid tkun gravi u valida u dan jagħmilha ċara li persuna ma tistax kapriċċjożament topponi tali eżekuzzjoni*".

2. Din il-proċedura li ddaħħlet fis-sena 2004 fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili f'dan ir-rigward kienet maħsuba biex tagħti rimedju lil min ikun intalab li jħallas kambjala jew promissory note maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ u jkun hemm raġuni tajba biex iżomm l-eżekuttiva tagħha jew il-ħlas mitlub. Minn naħa l-oħra, wieħed irid iżomm f'moħħu li din il-proċedura tirreferi għal titoli eżekuttivi u t-tifsira għall-eċċezzjoni kontra l-eżekuttivita` tal-istess titoli ma tridx tkun waħda wiesgħa li ġġib fix-xejn l-effetti ta' titoli bħal dawn. Huwa għalhekk li l-liġi ssemmi raġunijiet "gravi u validi" biex twaqqaf l-eżekuttivita tagħhom, fejn dan jitħalla jsir.

3. Dawn ir-raġunijiet gravi u validi ma jistgħux ikunu usa mir-raġunijiet maħsubin mil-liġi speċjali – il-Kodiċi tal-Kummerċ – biex iżommu milli kambjala titħallas. "*Il-Qorti hija tal-fehma li tali raġunijiet gravi ma jistgħux ikunu usa mir-raġunijiet maħsubin mil-liġi speċjali – Il-Kodiċi tal-Kummerċ - biex iżommu milli kambjala titħallas. Lanqas ma hija tal-fehma li fi proċedura bħal tal-lum, il-Qorti tistħarreġ il-mertu ta' xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjoni li fiha titnissel, liema stħarriġ jidher li jmissu jsir f'kawża li tressaq speċifikament għal dan il-għan. Kull ma trid il-liġi f'din il-proċedura hu li l-Qorti tara jekk hemmx raġunijiet serji biżżejjed biex tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjala jew promissory note li tkun.*"

18. Fis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla fil-5 ta' Frar 2008 fl-ismijiet **Giovanni Briffa vs Ronald Azzopardi** ingħad:

> *"Illi minn qari akkurat ta' l-imsemmi sezzjoni jidher ċar li hemm żewġ bażi għaliex l-eżekuzzjoni tal-kambjala tista' tiġi sospiża u ċioe li l-firma ma tkunx tal-persuna jew mandatarju tagħha u sekondarjament fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi għall-oppożizzjoni tal-eżekuzzjoni. F'dak il-każ il-persuna li teżiġi l-ħlas tkun trid tipproċedi b'kawża skond id-dispożizzjoni tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Il-liġi ma tispeċifikax x'inhuma r-raġunijiet gravi u fil-fehma tal-Qorti dan ma sarx b'xi nuqqas tal-leġislatur iżda intenzjonatament għax il-leġislatur ried iħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti f'liema każijiet ikollha quddiemha l-Qorti għandha tilqa' t-talba jew le. Ċertament li r-raġuni valida m'għandhiex tkun waħda frivola għax kif tgħid l-istess liġi ħlief fil-każ tal-firma r-raġuni trid tkun gravi u valida u dan jagħmilha ċara li persuna ma tistax kapriċċożament topponi tali eżekuzzjoni.*

> *Iżda minn naħa l-oħra l-leġislatur ma eliminax ir-riċerka li ssir f'kawża skond id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ iżda l-artikolu 253(e) u proviso tieghu ġie reż bħala proċedura (prima facie) diskrezzjonali f'idejn il-Qorti, bażat naturalment fuq raġunijiet validi u gravi. Huwa veru li mkien fil-liġi ma jinstab il-kliem prima facie iżda kien ikun bla sens li l-Qorti tidħol fid-dettalji kollha tal-proċeduri soliti meta hekk jew b'hekk dawk il-proċeduri ma ġewx eliminati mil-leġislatur, b'mod li jirrendi l-applikazzjoni ġusta tal-liġi tittieħed f'dan is-sens."*

19. Din il-verifika għandha ssir mingħajr ma jsir stħarriġ tal-mertu tal-kontenzjoni bejn il-partijiet, jew xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjonijiet reċiproċi bejn il-partijiet, u dan għaliex l-istħarriġ tal-mertu jmissu jsir fil-kawża li jkollha titressaq mill-kreditur f'każ illi l-Qorti tilqa' t-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala.

20. L-indaġni tkun biss prima facie: "Il-Qorti trid tagħmilha ċara illi hija b'ebda mod ma għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna fir-rigward tal-proċedura maħsuba fl-Artikolu 836 tal-Kap. 12 li hija simili għal din il-proċedura (naturalment hemm differenzi importanti għaliex l-Artikolu 836 jirrigwardja l-ħruġ ta' kontromandat) din għandha tkun waħda sommarja u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' *prima facie*. (Ara **Emmanuel Mallia vs Francis Chetcuti** (145/15) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fil-21 ta' Ottubru 2016).

21. Għalhekk il-Qorti trid tara jekk *prima facie* jeżistux raġunijiet, dejjem skont is-sub-artikolu 253(e) tal-Kap 12, biex tara tagħtix ċans li tiġi ikkontestata din il-kawża eventwali, għaliex ma hemmx dubju li l-emenda li permezz tagħha l-kambjala saret titolu eżekuttiv kienet intiża biex tevita azzjonijiet inutili fejn l-eċċezzjonijiet tal-konvenut huma tassew limitati.

22. Fir-rikors promotur, jirriżulta, li qed jiġi sottomess illi hemm raġunijiet gravi u validi sabiex din il-Qorti tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kamjbala. Ir-raġuni mogħtija għal dan hija, li qed jiġi sostnut li l-ammont dovut huwa ferm anqas minn dak indikat.

23. Fil-proċedura preżenti, l-kambjali kienu maħruġa mill-konvenuta Nicole Xuereb favur Godwin Magri. Kif ikkonfermat minn Xuereb stess fix-xhieda tagħha, l-firma tal-kambjali a fol 23 *et sequitur* hija tagħha. Inoltre`, ġie wkoll ikkonfermat fix-xhieda ta' Nicole Xuereb, li l-ammont dovut huwa dak indikat fil-ftehim datat 17 ta' Frar 2021, eżebit fl-atti, mar-risposta bħala Dok GM6, ossija l-ammont ta' €45,186.91.

24. Fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi, dak sostnut fir-rikors promotur ma jinsabx bl-ebda mod sodisfatt bil-provi.

25. Għalhekk, imiss issa jiġi eżaminat jekk l-imsemmija allegazzjoni fir-rikors promotur, tirriżultax *prima facie* fondata.

26. In vista tas-suespsot, ma jirriżultax li Nicole Xuereb irnexxielha tipprova lanqas fuq bażi *prima facie* l-allegazzjonijiet tagħha rigward l-ammont dovut, anzi hija stess ikkonfermat fix-xhieda li dak l-ammont indikat fil-ftehim iffirmat bejn il-kontendenti huwa dovut, u l-kambjali in kwistjoni huma ffirmati minnha. Fil-fatt, kif tajjeb eċċepit mill-kontro parti, Xuereb ma indikat bl-ebda mod l-ammont dovut abbażi tal-kontestazzjoni tagħha rigward l-ammont dovut li huwa ferm anqas, u ma tressqu l-ebda provi dwar dan.

27. Jiġi puntwalizzat ukoll, li ladarba m'hemm l-ebda prova dwar il-pretensjoni tar-rikorrenti, m'hemmx lanqas aċċenn għal raġunijiet gravi u validi li din il-Qorti tista' teżamina b'referenza għat-talba odjerna. Di piu` fl-ammissjoni tal-istess Nicole Xuereb li l-firma fuq il-kambjali hija tagħha, m'hemmx lok għal aktar stħarriġ da parti tal-Qorti f'dan ir-rigward.

28. Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tirrespinġi t-talba tar-rikorrenti kif dedotta.

## Konklużjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali ppreżentati quddiemha;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tilqa'** l-eċċezzjonijiet ta' Godwin Magri.

**Tiċħad** it-talba ta' Nicole Xuereb kif dedotta.

**L-ispejjeż** għandhom ikunu a kariku ta' Nicole Xuereb.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur